1.7.2015 A8-0217/18

**Emenda 18**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Matt Carthy, Martina Anderson, Luke Ming Flanagan, Barbara Spinelli, Javier Couso Permuy, Lidia Senra Rodríguez**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Ifakkar li l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudenti għandha tiġi implimentata b'termini favorevoli għall-istudenti, irrispettivament mill-isfond soċjali tagħhom u li din l-għodda addizzjonali u innovattiva għall-mobbiltà fit-tagħlim la m'għandha tissotitwixxi kwalunkwe sistema ta' għotjiet jew self attwali u lanqas m'għandha timpedixxi l-iżvilupp ta' kwalunkwe sistema ta' dan it-tip fil-ġejjieni għall-appoġġ tal-mobbiltà tal-istudenti fil-livell lokali, nazzjonali jew tal-Unjoni;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 19**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Paloma López Bermejo, Dimitrios Papadimoulis, Luke Ming Flanagan, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jieħu nota tal-proposti ta' EUR 50,8 biljun f'impenji (+3,2 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015, bl-impatt tar-riprogrammar newtralizzat) u ta' EUR 49,1 biljun f'pagamenti (-4 %) għas-Subintestatura 1b, li jħallu marġni żgħir ta' EUR 15,3 miljun taħt il-limitu massimu għall-impenji; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta l-politika ewlenija tal-UE rigward l-investiment u hi mmirata lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni Ewropej permezz tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jissottolinja l-fatt li strumenti bħall-FSE, il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni jew l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma strumentali fit-trawwim tal-konverġenza, it-tiċkin tad-distakk fl-iżvilupp u l-appoġġ għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u sostenibbli; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-politika ta' koeżjoni tal-UE biex jinkisbu l-objettivi ***tal-istrateġija Ewropa 2020***; | 21. Jieħu nota tal-proposti ta' EUR 50,8 biljun f'impenji (+3,2 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015, bl-impatt tar-riprogrammar newtralizzat) u ta' EUR 49,1 biljun f'pagamenti (-4 %) għas-Subintestatura 1b, li jħallu marġni żgħir ta' EUR 15,3 miljun taħt il-limitu massimu għall-impenji; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta l-politika ewlenija tal-UE rigward l-investiment u hi mmirata lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni Ewropej permezz tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jissottolinja l-fatt li strumenti bħall-FSE, il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni jew l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma strumentali fit-trawwim tal-konverġenza, it-tiċkin tad-distakk fl-iżvilupp u l-appoġġ għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u sostenibbli ***biex jiġi żgurat l-investiment għall-politiki soċjali u ta' koeżjoni fil-mira, biex titrawwem il-konverġenza u jiċkien id-distakk fl-iżvilupp waqt li jitnaqqsu l-inugwaljanza soċjali, ekonomiċi, lokali, reġjonali u nazzjonali; ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-faqar, il-qagħad, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi (dħul)*** |

***permezz ta' strumenti bħall-Għajnuna għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u l-Frott u l-Ħalib għall-Iskejjel;*** jissottolinja r-rwol kruċjali tal-politika ta' koeżjoni tal-UE biex jinkisbu l-objettivi ***tal-Unjoni***; ***jinsisti, għalhekk, fuq il-ħtieġa li l-approprjazzjoni ta' pagament proposti jiżdiedu sal-ammont minimu meħtieġ f'din is-subintestatura***;

Or. en

**Emenda 20**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jisħaq fuq l-importanza tal-bżonn li jissaħħu l-fondi baġitarji kollha u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi ta' intervent soċjali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020 li l-għan tagħhom ikun, b'mod partikolari, li jiġġieldu kontra l-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG);*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dimitrios Papadimoulis, Luke Ming Flanagan, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Ifakkar li hemm bżonn ta' ammont ta' EUR 21,6 biljun fil-baġit 2016 biex il-livell ta' talbiet għal pagament pendenti għall-programmi ta' koeżjoni tal-2007–2013 jitnaqqas minn EUR 24,7 biljun fi tmiem l-2014 u EUR 20 biljun fi tmiem l-2015 għal madwar EUR 2 biljun sa tmiem l-2016, kif deskritt fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni annessa mad-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015–2016; iħeġġeġ biex tiġi evitata akkumulazzjoni 'anormali' simili ta' kontijiet mhux imħallsa fil-ġejjieni, b'mod li l-kredibbiltà tal-UE ma tiġix kompromessa; | 23. Ifakkar li hemm bżonn ta' ammont ta' EUR 21,6 biljun fil-baġit 2016 biex il-livell ta' talbiet għal pagament pendenti għall-programmi ta' koeżjoni tal-2007–2013 jitnaqqas minn EUR 24,7 biljun fi tmiem l-2014 u EUR 20 biljun fi tmiem l-2015 għal madwar EUR 2 biljun sa tmiem l-2016, kif deskritt fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni annessa mad-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015–2016; ***ifakkar fil-konklużjonijiet tas-Sitt Rapport dwar il-Koeżjoni, b'mod partikolari dik li l-inugwaljanzi reġjonali fl-UE kibru b'mod drammatiku matul il-perjodu 2008–2011, u jinsisti li hemm bżonn li l-politika ta' koeżjoni tiżdied b'mod sinifikanti;*** iħeġġeġ biex tiġi evitata akkumulazzjoni 'anormali' simili ta' kontijiet mhux imħallsa fil-ġejjieni, b'mod li l-kredibbiltà tal-UE ma tiġix kompromessa; |

Or. en

**Emenda 22**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dennis de Jong, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Paloma López Bermejo, Dimitrios Papadimoulis, Luke Ming Flanagan, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jevidenzja l-fatt li l-politiki ta' awsterità tal-Unjoni ħolqu pressjoni 'l isfel fuq il-pagi reali fl-Istati Membri, u li dan se jtawwal l-impatt tal-kriżi ekonomika u soċjali; jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni għandu jintuża biex jirfed l-isforzi għal żieda tal-pagi reali, kif ukoll biex jiġġieled kontra d-dumping soċjali fl-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Younous Omarjee, Liadh Ní Riada, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Paloma López Bermejo, Dimitrios Papadimoulis, Luke Ming Flanagan, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jesprimi d-diżapprovazzjoni tiegħu għall-istituzzjonalizzazzjoni tal-prinċipji tal-kundizzjonalità makroekonomika u r-riżerva ta' prestazzjoni, u għar-rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-Fondi Strutturali, fuq naħa, u l-pakkett ta' governanza ekonomika tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u kwalunkwe ftehim ekonomiku tal-Istati Membri, fuq l-oħra; is-suppożizzjonijiet sottostanti għalihom huma mingħajr dubju differenti u l-objettivi tagħhom huma dijametrikament opposti; jenfasizza li l-għan tal-politika ta' koeżjoni ma għandux ikun l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji stretti li jeħtieġu miżuri ta' awsterità, jew il-penalizzazzjoni tal-Istati Membri u r-reġjuni; jisħaq fuq il-fatt li l-politika ta' koeżjoni ġiet iddisinjata biex tiżgura tkabbir ibbilanċjat u telimina l-inugwaljanzi, bl-għan li tintlaħaq konverġenza ġenwina; jindika li l-finanzjament għar-reġjuni Ewropej ma jistax jiġi sospiż minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tal-Istati Membri mal-kundizzjonijiet makroekonomiċi u li s-sospensjoni tal-finanzjament għal Stati Membri f'diffikultà se tagħmel is-*** |

***sitwazzjoni agħar milli hi;***

Or. en

**Emenda 24**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dimitrios Papadimoulis, Luke Ming Flanagan, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq miżuri speċifiċi għat-tisħiħ tal-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli, domanda domestika aktar qawwija, li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u li tkun ibbażata fuq impjiegi ta' kwalità, il-benessri soċjali, il-qerda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod li titrawwem il-koeżjoni ekonomika u soċjali u jiġi żgurat li l-baġit tal-Unjoni jintuża biex jissupplementa l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Barbara Spinelli, Liadh Ní Riada**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24b. Jisħaq fuq il-fatt li l-baġit għall-2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni għall-ħaddiema, inklużi d-drittijiet tax-xogħol u trejdjunjonistiċi, u kultura ta' prevenzjoni fl-Ujoni u jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jfeġġu; jisħaq fuq il-fatt li l-fondi tal-Unjoni ma jistgħux jintużaw għall-finanzjament ta' programmi operattivi li jirreaġixxu għal ħtiġijiet kontinwi ta' servizz jew jiffinanzjaw impjieg indipendenti falz;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dennis de Jong, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 25. Jieħu nota tal-proposti ta' EUR 63,1 biljun f'impenji (-0,1 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015, bl-impatt tar-riprogrammar newtralizzat) u ta' EUR 55,9 biljun f'pagamenti (-0,2 %) għall-Intestatura 2, li jħallu marġni ta' EUR 1,2 biljun taħt il-limitu massimu għall-impenji u marġni ta' EUR 1,1 biljun taħt is-sottolimitu massimu għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG); jindika li l-mekkanizmu ta' dixxiplina finanzjarja jiġi applikat biss sabiex jistabbilixxi r-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu; jistenna l-Ittra ta' Emenda tal-Kummissjoni, li suppost tasal f'Ottubru, u li għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni aġġornata dwar il-finanzjament tal-FAEG; jenfasizza li t-trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK jirriżultaw f'żieda kumplessiva fl-ammont disponibbli għall-iżvilupp rurali; | 25. Jieħu nota tal-proposti ta' EUR 63,1 biljun f'impenji (-0,1 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015, bl-impatt tar-riprogrammar newtralizzat) u ta' EUR 55,9 biljun f'pagamenti (-0,2 %) għall-Intestatura 2, li jħallu marġni ta' EUR 1,2 biljun taħt il-limitu massimu għall-impenji u marġni ta' EUR 1,1 biljun taħt is-sottolimitu massimu għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG); jindika li l-mekkanizmu ta' dixxiplina finanzjarja jiġi applikat biss sabiex jistabbilixxi r-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu; jistenna l-Ittra ta' Emenda tal-Kummissjoni, li suppost tasal f'Ottubru, u li għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni aġġornata dwar il-finanzjament tal-FAEG***, u b'mod partikolari jappella lill-Kummissjoni biex, qabel Settembru 2005, tipprovdi valutazzjoni inizjali rigward l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità u r-reviżjonijiet għall-istandards tal-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin u jekk kienx hemm xi benefiċċju ambjentali addizzjonali b'riżultat tar-ristrutturar u l-ekoloġizzazzjoni tal-PAK;*** jenfasizza li t-trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK jirriżultaw f'żieda kumplessiva fl-ammont disponibbli għall- |

iżvilupp rurali;

Or. en

**Emenda 27**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Marisa Matias, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-Trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jappella biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni biżżejjed fondi sabiex jiġu implimentati l-elementi kollha tar-riforma tal-PAK, waqt li jissaħħu l-iffissar ta' limit massimi u l-modulazzjoni, inkluż fir-rigward tal-programmi ta' ekoloġizzazzjoni, bijodiversità u żvilupp rurali; jevidenzja l-objettivi taż-żieda tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura Ewropea u jitlob li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi biex jintlaħqu dawn l-objettivi, inkluża d-disponibbiltà ta' aktar riżorsi għall-ġlieda u l-prevenzjoni ta' pesti u diżastri; jevidenzja li l-ħarsien tad-dwieli jinkludi aspetti fundamentali bħall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bdiewa; jappella lill-Kummissjoni biex iżżid il-baġit b'mod li ssaħħaħ is-sistema ta' għajnuna għall-kultivazzjoni tad-dwieli, b'mod speċjali għall-investiment, ir-ristrutturar u l-promozzjoni, minħabba l-fatt li l-vinji jitħawlu għal deċennji u l-ewwel ħsad ma jsirx qabel tliet snin wara t-tħawwil; jappella biex jiġu prijoritizzati l-promozzjoni u r-reklamar tas-swieq lokali u l-attivitajiet li jżidu l-għarfien tal-kontribut li jagħtu lill-ekonomiji lokali;*** |

Or. en